MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-12 ta' Ġunju, 2020

Appell Inferjuri Numru: 13/2018 LM

**J.E.M. Investments Limited u Colin Bonnici**
***(l-appellanti)***

***vs.***

**Automated Revenue Management Services (ARMS) Limited**
***(l-appellata)***

**Il-Qorti**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan hu appell magħmul mill-appellanti s-soċjetà **J.E.M. Investments Limited** u **Colin Bonnici** [minn issa 'l quddiem "l-appellanti"], mid-deċiżjoni tal-Tribunal tal-Arbitraġġ, mogħtija fit-23 ta' Jannar, 2018, [minn issa 'l quddiem "il-lodo arbitrali"] fejn ġew miċħuda t-talbiet tal-appellanti, bl-ispejjeż kontrihom.

## **Fatti**

2. Is-soċjetà appellanta hija proprjetarja ta' *store* li jġib in-numru 6 fi Triq il-Pellikan, il-Fgura (minn issa 'l quddiem magħruf bħala "il-fond"). Illum dan il-fond jinsab mikri lill-appellant Bonnici skont skrittura privata ffirmata fid-29 ta' Diċembru, 2009[1], mas-soċjetà appellanta, iżda fil-passat kien jinkera lil ċertu Patrick Pace li kellu fuq ismu l-kontijiet tas-servizzi tad-dawl u tal-ilma. Patrick Pace kien għadda l-fond lil terzi u dawn reġgħu għaddewh għal darba darbtejn lil ħaddieħor, b'dana li fl-aħħar reġa' lura għand is-soċjetà appellanta li krietu kif ingħad lill-appellant Bonnici. Il-kontijiet baqgħu fuq isem Patrick Pace peress li kien hemm xi tilwima dwar il-ħlas ta' arretrati mas-soċjetà appellanta. Imbagħad fuq talba ta' Patrick Pace permezz ta' ittra[2] f'April, 2011 lis-soċjetà appellata, ġiet sospiża l-provvista tad-dawl u tal-ilma fil-fond. Għalhekk is-soċjetà appellanti permezz tal-avukat tagħha interpellat lill-istess soċjetà appellata b'ittra tal-15 ta' Frar, 2012[3], sabiex terġa' tagħti lura l-provvista ta' dawk is-servizzi filwaqt li teqleb il-kontijiet għal fuq isem l-appellant Bonnici. Fl-istess ittra dan tal-aħħar fisser li kien lest li jintrabat li jħallas l-arrettrati dovuta minn Diċembru 2009 jekk dan isir. Eventwalment inżammet laqgħa bejn uffiċjali tas-soċjetà appellata u l-appellanti fejn l-appellant Bonnici ffirma l-formola għar-Reġistrazzjoni ta' Bidla tal-Konsumatur[4] u sussegwentement iffirma wkoll Patrick Pace. Wara li dan ħallas l-arretrati dovuta minnu sa

[1] Ara Dok. DB1.
[2] Dok. SE4.
[3] Dok. ST1.
[4] Dok. SE2.

Diċembru, 2009, il-kontijiet inqelbu fuq isem l-appellant Bonnici u nħarġu l-kontijiet bl-arretrati sa minn dik id-data.[5]

## Mertu

3. L-appellanti ppreżentaw fiċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ [minn issa 'l quddiem "iċ-Ċentru"] Avviż tal-Arbitraġġ flimkien mat-Talba bil-Miktub fit-12 ta' April, 2013, kontra s-socjetà appellata, fejn it-Tribunal tal-Arbitraġġ ġie mitlub sabiex:

> *"1. Jiddikjara illi l-pretenzjoni tas-soċjeta intimata illi qegħda teżiġi il-ħlas ta' arretrati dovuti minn terzi persuni in konnessjoni mal-fond mhux uffiċjalment magħruf bħala Store 6, Pelican Street, Fgura, mis-soċjetà attriċi hija waħda infondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt.*
>
> *2. Jiddikjara illi r-rifjut tas-soċjetà intimata illi tittrasferixxi r-reġistrazzjoni tal-meter tad-dawl u ta' l-ilma fil-fond Store 6, Pelican Street, Fgura, proprjetà ta' l-attur stante illi l-istess soċjetà intimata qegħda tippretendi ħlas ta' arretrati dovuti minn terzi huwa aġir abbużiv u illegali.*
>
> *3. Jordna illi registrazzjoni tal-meter tad-dawl u tal-ilma fil-fond Store 6, Pelican Street, Fgura f'isem Patrick Pace tiġi trasferita f'isem Colin Bonnici.*
>
> *4. Jiddikjara illi l-soċjetà intimata aġġixxiet b'mod abbużiv u illegali u abbużat mill-monopolju li hija tgawdi, meta hija ssospendiet il-provvista tad-dawl u ta' l-ilma mill-fond 6, Pelican Street, Fgura proprjetà tas-soċjetà attriċi u dan ġialadarba tali sospensioni kienet frott ta' nuqqas ta' ħlas ta' arretrati għall-servizzi provduti lill-terzi u dovuti minnu u mhux mis-soċjetà attriċi, proprjetarja tal-fond.*
>
> *5. Jiddikjara illi minħabba tali aġir abbużiv u illegali tas-soċjetà intimata u minħabba l-inadempjenza tagħha, is-soċjetà attriċi soffriet danni ammontanti*

[5] Dok. SE3.

*għal €2760 rappreżentanti l-kera mhux imħallsa mill-inkwilin tal-fond 6 Pelican Street, Fgura.*

6. *Konsegwentement jordna lill-soċjetà intimati tħallas lis-soċjeta' attriċi is-somma ta' €2760*

*Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċċjali tal- 5 ta' Marzu 2012 kontra l-soċjeta' intimata li qegħda tiġi ingunta in subizzjoni."*

4. It-tweġiba tas-soċjetà appellata ġiet ippreżentata fit-13 ta' Mejju, 2012, f'isimha u wkoll għan-nom u in rappreżentanza tal-Korporazzjoni Enemalta u tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma, fejn wara li għamlet is-sottomissjonijiet tagħha talbet sabiex tiġi liberata mill-pretensjonijiet u mit-talbiet kollha tal-appellanti.

**<u>Id-deċiżjoni appellata</u>**

5. L-Arbitru wasal għall-lodo arbitrali wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"IV. KUNSIDERAZZJONIJIET*

*1. Permezz ta' dawn il-proċeduri, s-soċjetà rikorrenti, li hija sid il-fond 6, Triq il-Pellikan, Fgura, flimkien mar-rikorrenti l-ieħor li huwa l-inkwilin tal-imsemmi fond, qegħda titlob sabiex is-soċjetà intimata ma tibqax titlob mingħandha ħlasijiet dovuti mill-inkwilin preċedenti (Patrick Pace) għas-servizzi tad-dawl u l-ilma li jfornu l-istes fond. Talbet ukoll sabiex jiġi dikjarat li r-rifjut da parti tas-soċjetà intimata li tittrasferixxi r-reġistrazzjoni ta' dawn is-servizzi qabel ma jitħallsu l-arretrati kien aġir abbużiv u illegali u għalhekk talbu sabiex l-intimata tiġi ordnat tagħmel tali trasferiment għal fuq is-soċjetà rikorrenti. Talba oħra kienet sabiex is-soċjetà intimata tiġi dikjarata li hija imxiet b'mod abbużiv u llegali u abbużat mill-monopolju li hija tgawdi fis-servizzi offruti minn meta ssospendiet il-provvista tad-dawl u l-ilma minħabba arretrati li kienu dovuti fuq il-fond in kwistjoni minn Patrick Pace u mhux*

*minnha. Minħabba dan l-aġir is-soċjetà rikorrenti sostniet li hija sofriet id-danni fl-ammont ta' €2,760 li hija l-kera li ma ħallasx l-inkwilin tal-fond minħabba li ma hemmx provvista tad-dawl u l-ilma fil-fond lilu lokat.*

*2. Is-soċjetà intimata qalet li s-servizzi fil-fond kienu fuq isem l-inkwilin preċedenti u ċioé Patrick Pace u li kien dan li talab li s-servizzi jitneħħew mill-istess fond. F'Ġunju, 2012 kien intlaħaq ftehim bejn ir-rikorrenti Colin Bonnici u s-soċjetà intimata sabiex dan tal-ahhar iħallas l-arretrati dovuti u b'hekk is-servizzi jkunu jistgħu jiġu trasferiti għal fuq ismu. Minkejja li t-trasferiment sar, ir-rikorrenti qatt ma ħallas l-arretrati. Is-soċjetà intimata qalet ukoll li wara li kien sar il-ftehim, ir-rikorrenti qatt ma lmentaw mill-qtugh tas-servizzi fil-fond in kwistjoni. Finalment is-soċjetà intimata ċaħdet li hija kkawżat xi danni lir-rikorrenti.*

*3. Mill-provi prodotti jirriżultaw is-segwenti fatt:*

*(i) Is-soċjetà rikorrenti hija proprjetarja tal-fond 6, Triq il-Pellikan, Fgura. Għall-bidu, dan il-fond kien mikri lil Patrick Pace, li da parti tiegħu willieh lil Wayne Fenech. Dan tal-aħħar ċeda l-kirja lil terzi li da parti tagħhom dawn it-terzi reġgħu ċeduh lil ħaddieħor. Ir-rappreżentant tas-soċjeta' rikorrenti kien iltaqa ma din l-aħħar persuna u kien ħa mingħandha ċ-ċavetta tal-fond. Il-fond reġa' ġie fil-pussess tas-soċjetà rikorrenti f'Diċembru, 2009, meta imbagħad inkera lir-rikorrenti Colin Bonnici fid-29 ta' Diċembru, 2009 u dan skont ma jirriżulta mid-dokument immarkat bħala DB1.*

*(ii) Ir-rappreżentant tas-soċjetà rikorrenti qal ukoll li kien hemm arretrati għar-rigward tas-servizzi tad-dawl u l-ilma fuq dan il-fond, liema arretrati kienu jsejħu lil Patrick Pace.*

*(iii) Philip Mamo, senior clerk fil-customer care section tas-soċjetà intimata kien bagħat email lir-rappreżentant tas-soċjetà rikorrenti fl-20 ta' Jannar, 2010 fejn infurmah li t-talba tiegħu ma setgħatx tiġi pproċessata 'l għaliex kien hemm l-arretrati. Huwa infurmah ukoll li t-talba kellha ssir minn Patrick Pace 'l għaliex il-kont bin-numru 27621693 kien fuq ismu. Joseph Borg qal li huwa kien ikkomunika ma' Patrick Pace biex jinfurmah b'dan il-fatt u sabiex jagħmel it-trasferiment relattiv iżda dan tal-aħħar qallu li huwa ma kienx lest li jħallas l-ammont kollu 'l għaliex il-kont ma kienx kollu tiegħu.*

*(iv) Fl-10 ta' Mejju, 2011, fuq struzzjonijiet ta' Patrick Pace, is-sid reġistrat ta' dawn is-servizzi, is-soċjetà intimata tterminat is-servizzi tad-dawl u l-ilma fil-fond 6, Triq il-Pellikan, Fgura (ara ittra li ġġib d-data ta' April, 2011 immarkata bħala dok. SE4).*

(v) *Wara li ġara dan il-fatt, u ċioé li ġew terminati s-servizzi tad-dawl u l-ilma, ir-rikorrenti Colin Bonnici nforma lis-soċjetà rikorrenti li huwa ma kienx għadu nteressat jkompli fil-kirja ta' dan il-fond.*

(vi) *Is-soċjetà rikorrenti kienet bagħtet ittra datata 15 ta' Frar, 2012 lis-soċjetà intimata fejn talbitha sabiex terġa' tikkomunika s-servizzi tad-dawl u l-ilma fil-fond 6, Triq il-Pellikan, Fgura u sabiex "*taqleb ir-reġistrazzjoni tal-meter tad-dawl u ilma fuq l-istess Colin Bonnici filwaqt li Colin Bonnici jekk is-suespost isir, lest li jobbliga ruħhu li jħallas l-arretrati dovuti minn Diċembru 2009 sal-preżent" *(dok. ST1). Stephen Ellul, rappreżentant tas-soċjetà intimata qal li din kienet ser tilqa' t-talba magħmula lilha u b'hekk Colin Bonnici kellu jibda jkun responsabbli għal-kontijiet minn Diċembru, 2009 'il quddiem.*

(vii) *Fil-25 ta' April, 2012, Antonella Axisa, infurmat lir-rappreżentant tas-soċjetà rikorrenti li r-rikorrenti l-ieħor Colin Bonnici kellu jimla l-formola "Reġistrazzjoni ta' Bidla ta' Konsumatur" flimkien ma' Patrick Pace u jiffirmaha u jindika l-qari tal-*meters. *Infurmatu ukoll li jekk Patrick Pace jirrifjuta li jiffirma din il-formola, allura r-rikorrenti Colin Bonnici kellu jħallas l-ammont ta' €1,660 bħala "*new service fees" *flimkien ma' garanzija permezz ta' depożitu ta' €466. Wara li jsiru dawn il-ħlasijiet, ikun jista' jsir it-trasferiment relattiv (dok. AA1).*

(viii) *Fl-10 ta' Mejju, 2012 sar inkontru bejn Stephen Ellul, Joseph Borg għan-nom tas-soċjetà rikorrenti u r-rikorrenti Colin Bonnici.*

(ix) *Stephen Ellul qal li fit-28 ta' Mejju, 2012 kien sar pagament ta' €647.67ċ biex jiġi saldat il-kont li kien hemm pendenti fuq Patrick Pace sa Mejju, 2009.*

(x) *Fil-5 ta' Ġunju, 2012, reġgħu ltaqgħu u dakinhar, Stephen Ellul, għan-nom tas-soċjetà intimata kien għadda formola bl-isem ta' "Reġistrazzjoni ta' Bidla ta' Konsumatur" lir-rikorrenti Colin Bonnici sabiex dan jiffirmaha, ħaġa li għamel. Dan id-dokument ġie eżebit u mmarkat bħala dok. SE2. Dwar dan id-dokument, Joseph Borg, rappreżentant tas-soċjetà rikorrenti qal li dan kien ġie ffirmat mingħajr ma kien inqara lir-rikorrenti Bonnici u li kien ġie akkwistat b'ingann. Dwar dan il-punt, Stephen Ellul ma qabilx ma' dan il-fatt u qal li biex din il-formola tiġi pproċessata, Colin Bonnici kellhu jħallas l-ammont ta' €466. Ma' dan il-ħlas kellhu jsir ħlas ieħor ta' €1,387.60 sabiex ikopri l-perjodu Settembru, 2009 sa Mejju, 2012. L-ammont komplessiv kien ta' €1,853.60ċ u dan skont ma jirriżulta mid-dokument immarkat bħala SE3.*

(xi) *Stephen Ellul qal li dan kien l-uniku ammont li kien intalab jitħallas minn Colin Bonnici sabiex jingħata lura s-servizz tad-dawl u l-ilma, iżda dan il-ħlas baqa' qatt ma sar. Dwar l-ammont l-ieħor ta' €1,660 li kien issemma minn Antonella Axisa fl-*email *tagħha tal-25 ta' April, 2012 ma kienx aktar dovut 'l għaliex dan l-ammont jintalab meta jkun hemm talba għal servizz ġdid, li ma kienx il-każ odjern. Mistoqsi jekk kienx hemm firma ta' xi ħadd mir-rikorrenti fuq id-dokument immarkat bħala SE 2 (li hija l-formola intitolata Reġistrazzjoni ta' Bidla tal-Konsumatur), huwa wieġeb fin-negattiv. Qal però li skont hu, l-kunsens neċessarju sabiex ikun hemm dan it-trasferiment minn fuq Pace għal fuq Bonnici kien ingħata mis-soċjeta rikorrenti permezz tal-ittra datata 15 ta' Frar, 2012 (dok. ST1) u għal fatt li Joseph Borg kien preżenti fil-laqgħa tal-5 ta' Ġunju, 2012 meta kienet ingħatat din il-formola lil Bonnici. Kien għalhekk fil-fatt li s-servizz tad-dawl u l-ilma kienu nqalbu minn fuq Pace għal fuq Bonnici. Apparti dan, kompla jgħid ix-xhud Ellul, Patrick Pace kien iffirma din il-formola u kien ħallas il-kont pendenti li kien hemm. L-uniċi pendenzi li hemm illum kienu għaż-żmien li Colin Bonnici dam juża dan il-fond.*

(xii) *Stephen Ellul qal ukoll li l-kont li dwaru qiegħed isir dan l-arbitraġġ qatt ma kien isejjaħ lis-soċjetà rikorrenti iżda lil Patrick Pace, u llum lir-rikorrenti Colin Bonnici u għad hemm pendenti l-ammont ta' ċirka €2,900 li huwa għal konsum tul iż-żmien li dam jokkupa l-fond ir-rikorrenti Colin Bonnici. Din kienet ir-raġuni ukoll l-għala s-servizzi qatt ma reġgħu ngħataw lil dan il-fond.*

(xiii) *Is-soċjetà rikorrenti qegħda titlob id-danni minħabba dan il-qtugħ fil-provvista tad-dawl u l-ilma bil-konsegwenza li r-rikorrenti Colin Bonnici, kif diġà ngħad, ma riedx ikompli jikri dan il-fond minħabba dan il-qtugħ.*

4. *Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, ir-rikorrenti qalu li "*Colin Bonnici li dejjem informa lill-ARMS illi effettivament huwa kien lest li iħallas il-kontijiet sa minn meta beda jokkupa t-titolu ta' kera il-fond in kwistjoni". *Mill-provi rriżulta però li dan ma kienx il-każ. Minkejja li l-kont kien dar fuq ir-rikorrenti Colin Bonnici, wara li kien tħallas l-ammont ta' €647.63ċ fit-28 ta' Mejju, 2012 minn Patrick Pace, l-istess rikorrenti Colin Bonnici baqa' ma ħallasx l-ammont dovut minnu għal konsum li kien sar bejn Diċembru, 2009 (id-data meta huwa kien ħa l-fond in kwistjoni taħt titolu ta' lokazzjoni mingħand is-soċjeta rikorrenti) u Mejju, 2012.*

5. *Ir-rikorrenti jgħidu ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom li s-soċjetà intimata kellha dritt tissospendi l-provvista tal-kurrent elettriku u fil-fatt jiċċittaw ir-*

*regolament numru 73 (qtugħ tal-kurrent) tar-Regolamenti fuq il-Provvista tal-Kurrent Elettriku li jgħid li:*

> "73. Jekk kont jew talba għall-ħlas, debitament preżentata lill-konsumatur, ma titħallasx fi żmien erbatax-il jum minn mindu tiġi preżentata, jew jekk id-depożitu meħtieg skond ir-regolament 8 ta' dawn ir-regolamenti ma jsirx fi żmien erbatax-il jum minn meta ssir dik it-talba, il-provvista tal-kurrent f'dak il-kont u f'kull kont ieħor li jkun f'isem l-imsemmi konsumatur tista' tiġi sospiża mingħajr ma jingħata ebda avviż minn qabel".

*Ir-rikorrenti jargumentaw li l-qtugħ kellhu jsir fir-residenza jew xi post ieħor proprjetà ta' Patrick Pace personalment u mhux f'post mikri lilu kif għamlu f'dan il-każ. Qari tar-regolament iċċitat mill-istess rikorrenti jagħti d-diskrezzjoni lis-soċjetà intimata ta' fejn hija tissospendi l-provvista tal-kurrent. Però, dan ir-regolament tħassar bl-avviż legali 52 tas-sena 2010 u allura ma kienx għadu applikabbli meta dan is-servizz ġie terminat. Għalhekk, dan l-argument tar-rikorrenti ma japplikax f'dan il-każ. Apparti dan kollu, kien l-istess Patrick Pace li fuqu kien reġistrat il-kont li talab li s-servizzi provduti lill-istess fond jiġu terminati (permezz ta' ittra datata April, 2011) u s-soċjetà intimata pproċediet biex tagħmel dak li kien talabha jagħmel il-persuna li fuqu kienu reġistrati dawn is-servizzi.*

*6. Ir-rikorrenti qalu ukoll li huma ma kienux ġew infurmati li Patrick Pace kien ħallas il-kont minnu dovut u li dawn skopruh meta kien xehed Stephen Ellul, rappreżentant tas-soċjetà intimata fl-20 ta' Settembru, 2013. L-Arbitru mhux konvint min dan 'l għaliex mill-provi jirriżulta li r-rappreżentanti tas-soċjetà intimata kienu nfurmaw lir-rikorrenti li kellhom jitħallsu l-kontijiet dovuti bejn Diċembru, 2009 u Mejju 2012 qabel ma jerġgħu jiġu pprovduti s-servizzi f'dan il-fond. Ovvjament, meta s-soċjetà intimata qegħda tgħid li jitħallsu l-kontijiet mir-rikorrenti Colin Bonnici, dan ikun għal konsum u kera tal-meters bejn id-29 ta' Diċembru, 2009 u l-10 ta' Mejju, 2011 meta ġew terminati s-servizzi fil-fond.*

*7. Illi f'dan il-każ japplika r-regolament numru 67 tal-imsemmija Regolamenti (meta ma jitħallsux il-kontijiet) li jgħid li:*

> "jekk kont jew talba għall-ħlas, debitament preżentata lill-konsumatur, ma titħallasx fi żmien erbatax-il jum minn mindu tiġi preżentata, jew jekk id-depożitu meħtieġ skont ir-regolament 8 ma jsirx fi żmien erbatax-il jum minn meta ssir dik it-talba, il-provvista tal-kurrent f'dak il-kont u f'kull kont ieħor li jkun f'isem l-imsemmi konsumatur tista' tiġi sospiża mingħajr ma jingħata avviż minn qabel".

*8. Japplika ukoll ir-regolament numru 30 tar-Regolamenti Dwar il-Fornitura tal-ilma.*

*9. Illi għalhekk, kieku r-rikorrenti Colin Bonnici ħallas dawn l-ammonti li kienu ssemmew fil-laqgħa li kienet saret fil-5 ta' Ġunju 2012 meta kienet ingħatat il-formula intitolata "Reġistrazzjoni ta' Bidla ta' Konsumatur" il-kwistjoni kienet tieqaf hemm, is-servizzi kienu jerġgħu jiġu pprovduti u dawn l-proċeduri ma kienx ikun hemm bżonn li jsiru. Għal raġunijiet li jafu r-rikorrenti dawn il-ħlasijiet baqgħu qatt ma saru u jaħtu għal dan in-nuqqas ir-rikorrenti biss."*

## **L-Appell**

6. L-appellanti intavolaw ir-rikors tal-appell tagħhom quddiem din il-Qorti fit-12 ta' Frar, 2018, fejn talbu sabiex jiġi mħassar il-lodo arbitrali filwaqt li jiġu milqugħa t-talbiet tagħhom. L-appellanti jgħidu li jħossuhom aggravati bil-lodo arbitrali minħabba (i) huma qegħdin jinżammu responsabbli għall-ħlas tad-dejn ta' terzi; (ii) irriżulta mill-provi li t-trasferiment tal-*meter* sar sabiex is-soċjetà appellata ma tibqax skoperta; (iii) ġaladarba s-soċjetà appellata kienet ħarġet kont ġdid fuq l-appellant Colin Bonnici tlettax-il xahar wara l-qtugħ tal-provvista tad-dawl meta dejjem irrifjutat li ddawwar il-*meter* fuqu, hija għandha tkun responsabbli għall-ħlas ta' danni konsistenti fit-telf ta' kera dovuta għal dawk it-tlettax-il xahar;

## **Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

7. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellanti, flimkien mar-risposta tal-appellata, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet u tad-deċiżjoni tal-Arbitru.

8. L-appellanti qegħdin jilmentaw mill-fatt li skont il-lodo arbitrali huma responsabbli għall-ħlas tad-dejn ta' terz, jiġifieri dak li huwa dovut lis-soċjetà appellata minn Patrick Pace. Huma jissottomettu li rriżulta b'mod ċar li kien proprju Patrick Pace li kien id-debitur tas-soċjetà appellata. Saħansitra dan ikkonfermatu Antonella Axisa fl-email tagħha tal-25 ta' April, 2012, meta qalet *"Kindly note that Mr Patrick Pace was the person responsible and is still responsible unless (recte: as long as) the account is still registered on his name".* Min-naħa tagħha s-soċjetà appellata sa Ġunju 2012 kienet irrifjutat li tittrasferixxi l-kont minn fuq ismu u minħabba tali rifjut ma tistax issa tippretendi l-ħlas ta' kontijiet u ta' kirjiet ta' *meters* mingħand l-appellanti, aktar u aktar meta l-provvista tas-servizzi kienet ġiet maqtugħa, peress li b'hekk lanqas relazzjoni ġuridika m'hemm. L-appellanti jissottomettu li t-trasferiment tal-kontijiet kien sar sussegwentement mis-soċjetà appellata, iżda sabiex din ma tibqax skoperta meta rrilaxxjat lid-debitur tagħha Patrick Pace. L-appellanti jinsistu li s-soċjetà appellata kienet saħansitra talbet il-ħlas tal-arretrati sa minn Settembru 2009 minkejja li l-appellant Colin Bonnici daħal fil-fond f'Diċembru, 2009. Ġaladarba s-soċjetà appellata kienet irrifjutat li tittrasferixxi l-kontijiet għal fuqu għaliex allegatament dan ma setax isir, iżda sussegwentment tlettax-il xahar wara u hekk kif huma kitbu fil-gazzetta[6], is-soċjetà appellata għamlet proprju dak mitlub minnha u għalhekk kellha tiġi kkundannata tħallas id-danni konsistenti fit-telf ta' kera ta' dawk it-tlettax-il xahar.

[6] Dok. SE1.

9. Issa kif sewwa jinnota l-Arbitru fil-lodo arbitrali, u kif jirriżulta mill-ittra ta' April, 2011, mibgħuta minn Patrick Pace lis-soċjetà appellata, kien hu li infurmaha li *"I would like to terminate with immediate effect both water and electricity supply..."* fil-fond u allura ma kinitx is-soċjetà appellata li minn jeddha waqqfet il-provvista minkejja kull dritt li kellha li tagħmel dan. Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar il-fatt li dak iż-żmien l-istess Patrick Pace kien reġistrat mas-soċjetà appellata bħala l-konsumatur u hekk ukoll jirriżulta mill-kont maħruġ lilu u mill-informazzjoni esebita minnha fir-rigward tal-kont. Għalhekk huwa kellu kull dritt iressaq din it-talba.

10. Minn informazzjoni esebita mar-risposta tas-soċjetà appellata[7], jirriżulta li Patrick Pace baqa' reġistrat bħala l-konsumatur sas-7 ta' Awwissu, 2012, wara li kien sar ħlas ta' €647.63 fit-28 ta' Mejju, 2012. Skont ix-xhud Stephen Ellul, dan il-ħlas kien għas-saldu ta' dak dovut minn Patrick Pace sa Mejju 2009. Fil-fatt l-informazzjoni dwar il-kont turi li dan l-ammont kien sar dovut fl-20 ta' Diċembru, 2009.

11. Fl-email tagħha tal-25 ta' April, 2012[8] lil Joseph Borg rappreżentant tas-soċjetà appellanta, Antonella Axisa mid-*Debt Management Department* tas-soċjetà appellata, spjegat b'riferiment għall-email tiegħu stess u għall-ittra tal-avukat tiegħu, li Patrick Pace kien u kien ser jibqa' responsabbli għall-kont sakemm l-istess kont jibqa' reġistrat fuq ismu. Għalhekk l-appellant Bonnici kellu jimla l-formola *"Registration of Change in Consumer"* flimkien mal-istess Patrick Pace fejn huma jindikaw il-qari tal-arloġġi maqbula bejniethom.

---

[7] Dok. ARMS2.
[8] Esebita bħala Dok. AA1.

Tkompli tgħid li fl-eventwalità li Patrick Pace kien ser jirrifjuta li jħallas, allura l-appellant Bonnici kien tenut li jħallas għal servizz ġdid.

12. Fl-email ta' Joseph Borg li għaliha tagħmel riferiment is-soċjetà appellata u li kienet miktuba fit-23 ta' April, 2012[9], l-istess Joseph Borg jikkonferma li *"I am the owner and have rented the store to Mr Colin Bonnici who has offered to pay any amount due as from the date he started making use of the services."* Fl-ittra tal-15 ta' Frar, 2012, l-avukat ta' Joseph Borg kien diġà kkonferma mas-soċjetà appellata li Patrick Pace kien waqqaf il-kirja tal-fond mingħajr ma ħallas dak dovut u saħansitra ngħata l-qari tal-arloġġi tad-dawl u tal-ilma meħuda fil-bidu ta' Diċembru, 2009. L-avukat ikompli jispjega li l-fond imbagħad ingħata b'kirja lill-appellant Bonnici iżda peress li s-soċjetà appellata kienet qiegħda tirrifjuta li tipprovdi s-servizzi tad-dawl u tal-ilma lill-fond, kienet qiegħda tiġi interpellata sabiex tipprovdi l-fond bis-servizzi filwaqt li teqleb il-kontijiet tal-*meters* tad-dawl u tal-ilma għal fuq l-appellant Bonnici. Ikompli jgħid li f'tali eventwalità dan kien lest li jobbliga ruħu li jħallas l-arretrati sa minn Diċembru 2009.

13. Dan kollu ma jħalli l-ebda dubju lil din il-Qorti li l-appellanti m'għandhomx raġun. Din il-Qorti għalhekk tgħid li jirriżulta b'mod inekwivoku li l-lodo arbitrali ma żammhomx responsabbli għall-ħlas ta' dak li huwa dovut mingħand Patrick Pace meta ċaħad it-talba tagħhom għal dikjarazzjoni li l-pretensjoni għall-ħlas tas-soċjetà appellata kienet infondata. L-argument tal-appellanti huwa wieħed fallaċi għaliex ma jikkunsidrax li f'Diċembru, 2009,

[9] *Ibid.*

meta kien beda jikri l-fond l-appellant Bonnici huwa beda jagħmel użu minn kwalunkwe servizzi li kien hemm sa meta dawn ġew sospizi f'Mejju, 2011, fuq talba ta' Patrick Pace stess li kien ilu li rrilaxxja l-fond qabel Diċembru, 2009.

14. Jirriżulta li fit-28 ta' Mejju, 2012, kien sar pagament għas-saldu ta' dak dovut fuq il-kont sal-20 ta' Diċembru, 2009, filwaqt li skont il-ftehim bejn l-appellanti, l-appellant Bonnici daħal fil-kirja tal-fond mas-soċjetà appellanta fid-29 ta' Diċembru, 2009, fejn fl-istess ftehim hemm ukoll indikati l-istess qari tal-arloggi tad-dawl u tal-ilma li huma msemmija fl-ittra tal-avukat ta' Joseph Borg, li diġà sar riferiment għalih aktar 'il fuq. B'hekk allura din il-Qorti tikkunsidra li s-soċjetà appellata sewwa għamlet meta ħallset lil Patrick Pace fir-rigward ta' dak li kien dovut fuq il-kontijiet tad-dawl u tal-ilma sa Diċembru, 2009, għaliex l-konsumatur il-ġdid kien *"...lest li jobbliga ruħu li jħallas l-arretrati dovuti minn Diċembru 2009 sal-preżent"* meta jinqelbu l-kontijiet fuq ismu.

15. Fix-xhieda tiegħu waqt is-seduta tal-20 ta' Settembru, 2013, Stephen Ellul li jaħdem mad-Dipartiment tal-*customer care* tas-soċjetà appellata kkonferma li minn Settembru 2009 sa Mejju 2012 kien hemm arretrati x'jitħallsu fis-somma ta' €1,387.60 u kellu jiġu magħdud ma' din is-somma id-depożitu ta' €466 dovut mill-appellant Bonnici bħala inkwilin. Kompla jispjega li għalhekk dan tal-aħħar kellu jħallas is-somma komplessiva ta' €1,853.60 kif fil-fatt jirriżulta mill-kont Dok. SE3. Imbagħad fis-seduta tat-30 ta' Ottubru, 2014, xehed ukoll li l-kera tal-arloġġi matul iż-żmien li fih kienet tneħħiet il-provvista ġiet *credited* lill-appellant Bonnici. F'kwalunkwe każ, il-Qorti tosserva

li f'dan il-kont hemm indikati l-arretrati fis-somma ta' €1,132.91, liema arretrati qiegħda taċċetta fin-nuqqas ta' kontestazzjoni dwarhom min-naħa tal-appellanti dwar fiex jikkonsistu jew kif sar il-kalkolu tagħhom.

16. Issa għandu jingħad li sewwa josserva l-Arbitru li huwa applikabbli għall-każ odjern ir-Regolament 67 (ir-Regolament 73 ġie mħassar permezz tal-A.L. numru 52 tas-sena 2010) tar-Regolamenti fuq il-Provvista tal-Elettriku[10] u r-Regolament 30 tar-Regolamenti Dwar il-Fornitura tal-Ilma.[11] Dawn jipprovdu għal dawk il-każijiet fejn il-konsumatur jiddekadi mill-ħlas ta' kont jew ta' depożitu u għalhekk is-soċjetà appellata tingħata d-dritt li tissospendi l-provvista tas-servizz. Għalhekk din il-Qorti lanqas tista' issib li s-soċjetà appellata mxiet ħażin meta waqqfet il-provvista tas-servizzi. Wara kollox dan sar fuq talba tal-konsumatur stess. In vista ta' dan lanqas ma tista' s-soċjetà appellata tinżamm responsabbli għall-ħlas ta' kwalunkwe danni li qed tallega li sofriet is-soċjetà appellanti.

17. Tagħlaq billi tgħid li kif sewwa jirrileva l-Arbitru, din il-kwistjoni ma kinitx tkompli u saħansitra tasal quddiem din il-Qorti, li kieku l-appellant ħallas dawk l-ammonti dovuta minnu skont kif kien ġie infurmat fil-laqgħa mar-rappreżentanti tas-soċjetà appellata fil-5 ta' Ġunju, 2012, meta wkoll ingħata u ntalab li jiffirma l-formola sabiex il-kontijiet għas-servizzi tad-dawl u tal-ilma jiġu trasferiti għal fuq ismu. Iżda jidher li l-appellanti baqgħu sal-lum ma jridux jifhmu li konsumatur għandu jħallas għal dak li jikkonsma.

[10] L.S.545.01.
[11] L.S.545.03

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-appellanti u tikkonferma l-lodo arbitrali tat-23 ta' Jannar, 2018 fl-intier tiegħu.**

**L-ispejjeż tal-proċedura quddiem it-Tribunal tal-Arbitraġġ jibqgħu kif deċiżi fil-lodo arbitrali u dawk ta' din il-proċedura jitħallsu mill-appellanti f'ishma indaqs.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**